MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Avviz Numru. 38/2015

**Fl-atti ta' l-ittra ufficjali numru 136/15 datata 20 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet:**

**Il-Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Vs**

**Manmark II Holdings Ltd. (C 26951)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Manmark II Holdings Ltd. (C 26951) li gie pprezentat nhar it-28 ta' Jannar 2015 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Jannar 2015 il-Kummissarju ta' l-Artijiet, ai termini ta' l-Art. 466 tal-Kap. 12, interpella lill-esponenti sabiex thallas is-somma ta' €3,182.56 rapprezentanti cens dovuti lilu gravanti l-propjeta' bl-indirizz 'Down Under Garage', parti minn A Art tal-Ghaqba, il-Qawra, San Pawl il-Bahar ghal perjodu mit-23 ta' Settembru 1999 sat-22 ta' Settembru 2015;*

*Illi l-esponenti tissottometti li t-talba prezentata fl-istess ittra ufficjali hija nfundata fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi l-esponenti tissottometti li m'ghandhiex thallas, u fi kwalsiasi kaz l-azzjoni tal-Kummissarju ta' l-Artijiet hija fuori termine u preskritta bit-trapass taz-zmien;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi umilment sottomess li l-esponenti akkwistat il-propjeta' in kwistjoni u bieghet l-istess propjetajiet bl-eccezzjoni ta' apartament wiehed, kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok MH1, u konsegwentement ma tistax tigi mitluba thallas ghal zmien meta ma kellhiex titolu fuq il-propjeta' in kwistjoni;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet bhala nfundata.*

*Bl-ispejjez u l-imghax, b'riserva ghal azzjoni ulterjuri."*

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet li gietipprezentata fir-Registru tal-Qorti fil-11 ta' Marzu 2015 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Illi l-Kummissarju tal-Artijiet qieghed jirtira l-Ittra Ufficjali bin-numru 136/2015 prezentata fl-20 ta' Jannar 2015 u jirrinunzja ghall-pretensjonijiet kontemplati fiha;*
2. *Fid-dawl ta' dan, il-Kummissarju tal-Artijiet jitlob illi din l-Onorabbli Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet;*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju u kunsiderazzjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti."*

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Marzu 2015 li permezz taghha huwa rtira l-Ittra Ufficjali bin-numru 136/15 datata 20 ta' Jannar 2015.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' April 2015 dehret is-socjeta' rikorrenti li hadet konjizzjoni tal-imsemmija risposta fuq indikata u talbet lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ghaldaqstant peress illi l-Ittra Ufficjali 136/15 giet irtirata l-mertu tar-rikors illum gie ezawrit u ghaldaqstant il-Qorti qed tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez involuti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------